# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors Maħluf Numru 1253/2018/1 TA**

**Inġinier Joseph Bajada**

***v.***

**Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku; is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex; u b'dikriet tal-24 ta' Ġunju 2019 issejħu fil-kawża Noel Attard, Lorne Joseph Cremona, Joseph Farrugia, Amity Galea, Alessandra Haber, Lucienne Haber, Maria Portelli u Michael Saliba**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar 2020 li ċaħdet eċċezzjoni ta' *privilegium fori* mressqa minn uħud mill-msejħa fil-kawża u ordnat li jitkompla quddiemha s-smigħ tal-kawża.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-attur kien fost kandidati oħra għall-post ta' *Assistant Director (Public Cleansing)*

fid-Direttorat għal Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex, iżda ma ntgħażilx.

3. Fl-24 ta' Settembru 2018 l-attur ressaq petizzjoni quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku biex din tqis l-ilmenti tiegħu dwar ir-riżultat tal-proċess ta' għażla. Il-kummissjoni għarrfet lill-attur b'dak li l-bord tal-għażla kien ikkummenta dwaru u talbitu jagħmel il-kummenti tiegħu. Sabiex ikun jista' jagħmel il-kummenti tiegħu l-attur talab li jingħata aċċess għall-*file* sħiħ tal-proċess ta' għażla, iżda dan l-aċċess ma ngħatalux.

4. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża tallum u talab *inter alia* illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi l-proċess ta' l-għażla u/jew dik tal-petizzjoni tal-attur kif addottat mill-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku … … … partikolarment in kwantu l-attur qed jiġi mċaħħad, *qua petitioner*, milli jara l-*file* sħiħ u intier tal-proċess kollu tal-għażla, jikser id-disposizzjonijiet tar-regolamenti li jirregolaw tali proċedura u jilledi d-drittijiet tar-rikorrent bbażati prinċipalment fuq il-prinċipji tal-ġustizzja naturali;
>
> »2. tiddikjara nulli, invalidi u bla effett id-deċiżjonijiet kollha jew uħud minnhom, meħuda mill-intimati jew minn minnhom sallum fil-kuntest tal-proċess tal-għażla *de quo* u l-proċess tal-petizzjoni tar-rikorrent;
>
> »3. tordna konsegwentement, u jekk ikun neċessarju fid-dawl tat-tieni talba, lill-intimati jew min minnhom sabiex jagħtu aċċess għat-tagħrif kollu, għal *file* kollu, għall-informazzjoni kollha u intiera li hemm fil-proċess tal-għażla u l-proċess ta' petizzjoni, inkluż informazzjoni kollha dwar kandidati oħra, kif ukoll jagħtu l-opportunità lill-attur illi jagħmel is-sottomissjonijiet u jressaq xiedha u sottomissjonijiet in sostenn tal-petizzjoni tiegħu, liema petizzjoni għandha tiġi trattata bi skrutinju akkurat.
>
> »… … …«

5. B'dikriet tal-24 ta' Ġunju 2019 l-ewwel qorti ordnat li jissejħu fil-kawża l-kandidati l-oħra u wħud minn dawn ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, tal-*privilegium fori* billi l-maġġoranza tagħhom joqogħdu Għawdex.

6. L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Ikkunsidrat

»1. L-ewwel eċċezzjoni tal-kjamati fil-kawża Noel Attard u oħrajn hija fis-sens il-*privilegium fori* peress li l-maġġoranza tal-konvenuti jirrisjedu fil-Gżira t'Għawdex u li għalhekk il-kawża għandha tinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali). Din l-eċċezzjoni ingħatat fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 768 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»2. Jibda biex jingħad li, qabel ma ġew kjamati l-persuni imsemmija, din il-qorti kienet kjarament kompetenti biex tisma' l-kawża peress li kien hemm biss parti waħda li kienet tirrisjedi fil-Gżira t'Għawdex. Il-kwistjoni ta' kompetenza tqanqlet meta l-persuni Noel Attard u oħrajn u Michael Saliba ġew imsejħa fil-kawża. Il-kjamat in kawża dejjem ġie ikkunsidrat bħala parti li tista' tkun ikkundannata u anke liberata mill-ġudizzju. Dan b'differenza mill-intervenut *in statu et terminis*. Konsegwentement il-kjamat in kawża huwa meqjus bħala konvenut ... ... ... Għalhekk tajjeb jew ħażin, bil-kjamata tal-persuni msemmija nbidlet bl-ammont ta' partijiet fil-kawża li jirrisjedu fil-Gżira t'Għawdex ġie li jiżboq dak ta' dawk il-persuni li *ai fini* tal-liġi jitqiesu li jirrisjedu f'Malta.

»3. L-artiklu 768 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> »"(1) Meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod Malta jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Għawdex; u meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Malta.
>
> »"(2) Meta waħda mill-partijiet tiċħad b'eċċezzjoni l-kompetenza tal-qorti, dik il-qorti ssir inkompetenti għall-partijiet kollha."

»4. … … …

»5. … … …

»6. Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 il-partijiet kollha għall-kawża qablu li llum in-numru ta' konvenuti residenti f'Għawdex jiżboq dawk ta' Malta. Għalhekk, qiegħed jingħad mill-kjamati in kawża li fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 768(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-qorti ma għandha ebda triq oħra ħlief li tiddikjara lilha innifisha bħala inkompetenti u li l-qorti li għandha kompetenza tisma' din il-kawża skont dan l-artiklu hija il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha.

»7. B'danakollu minkejja t-tagħlim ġurisprudenzjali in kwistjoni din il-qorti tħoss li, minħabba kif żviluppaw il-proċeduri f'din il-kawża, ma jfissirx li ma għadhiex kompetenti fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 768 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-qorti tistqarr li għamlet ir-riċerki tagħha sabiex issib tagħlim li jista' jilluminaha fuq dan il-punt iżda r-riżultat kien fin-negattiv u ma sabet ebda sentenza jew tagħlim tal-awturi biex jiggwidaha fuq is-sitwazzjoni li għandha quddiemha. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li fil-perkors tal-kawża żdied in-numru

tal-konvenuti li jirrisjedu fil-Gżira t'Għawdex bis-saħħa tal-kjamat in kawża tagħhom.

»8. Il-qorti għalhekk waslet għall-konklużjoni fil-fehma razzjonali tagħha li dan l-artikolu japplika biss fir-rigward tal-partijiet oriġinali tal-kawża. Dan ma japplikax meta, wara li tkun preżentata l-kawża, jirriżulta li jkun hemm il-ħtieġa li jiġu kjamati terzi oħrajn, anke jekk għall-fini tal-liġi l-kjamat in kawża huwa meqjus bħala parti. Din hija żieda li sa ċertu punt tkun saret *per accidens* fl-ammont tal-partijiet fil-kawża u li ma tiżvestix lil din il-qorti mill-kompetenza *ai termini* tal-artikolu 768 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jingħad b'mod partikolari meta l-qorti tkun diġà ġiet adita regolarment u jekk mhux ukoll iddeterminat kwistjonijiet li jkunu diġà ġew sollevati mill-partijiet oriġinali, bħal ma huwa d-digriet ta' din il-qorti fejn ordnat il-kjamata ta' diversi persuni fil-kawża u li għadu appellabbli mas-sentenza finali. Indipendentement, għalhekk, mill-fatt li fil-perkors tal-kawża saret il-kjamata in kawża ta' terzi dan ma jannullax jew jinnewtralizza l-kompetenza tal-qorti għar-raġunijiet imsemmija. Li kieku kellu jiġi aċċettat dan ir-raġunament dan ikun ifisser li f'kawża li tkun ilha snin pendenti, jekk fil-perkors tagħha jirriżulta li hemm il-ħtieġa ta' kjamata in kawża dan il-fatt waħdu jista' jiżvesti lil dik il-qorti li tkun qed titratta l-kawża mill-kompetenza li tkompli tismagħha.«

7. L-attur appella b'rikors tal-24 ta' Jannar 2020 li għalih il-konvenuti oriġinali wieġbu fis-7 ta' Frar 2020 u l-imsejħa fil-kawża fit-13 ta' Frar 2020.

8. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-attur appellant jgħid illi l-ewwel qorti naqset milli timxi kif igħid u jrid l-art. 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili meta, fis-sentenza appellata, naqset milli tagħti "motivazzjonijiet ċari" għad-deċiżjoni tagħha. L-ewwel aggravju tiegħu ġie mfisser hekk:

»… … … l-ewwel onorabbli qorti, fil-konsiderazzjonijiet tagħha sabiex waslet biex għad-deċiżjoni tagħha, naqqset milli tagħti motivazzjonijiet ċari għaliex kienet qed tasal għal dik id-deċiżjoni. Aktar ma l-ewwel onorabbli qorti stqarret illi hija ma kinitx ser timxi mat-"tagħlim ġurisprudenzjali", aktar ma l-ewwel qorti kkwotat il-liġi li titkellem ċar u mingħajr ekwivoċi, aktar ma l-ewwel qorti stqarret illi kienet għamlet "ir-riċerki tagħha sabiex issib tagħlim li jista' jilluminaha fuq dan il-punt iżda r-riżultat kien fin-negattiv", jingħad bir-rispett illi aktar kien jixraq u jimmerita illi l-ewwel onorabbli qorti timmotiva l-konklużjoni tagħha.

»Dan … … … ma għamlitx u minn qari tat-tmien paragrafi konsiderazzjonijiet tal-ewwel onorabbli qorti, malajr din l-onorabbli Qorti tal-Appell tintebaħ illi l-maġġor parti huma paragrafi li jiddikjaraw

> il-fatti li jsawru l-pendenza, oħrajn li jikkwotaw il-liġi u oħrajn każistika, bl-aħħar (it-tmien paragrafu tal-konsiderazzjonijiet) li finalment jitfa' ftit dawl fuq x'wassal lill-ewwel onorabbli qorti tiddeċiedi bil-mod kif għamlet. It-tmien paragrafu li ser ikun diskuss taħt kap ta' aggravju separat.
>
> »Għalhekk, l-ewwel aggravju huwa fis-sens illi kien jimmerita motivazzjoni ferm aktar profonda tal-ewwel qorti, tenut kont, partikolarment, il-premessi magħmula minnha stess.
>
> »… … … l-ewwel onorabbli qorti ma ssodisfatx il-vot tal-liġi, senjatament l-artiklu 218 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.«

9. L-art. 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li fuq hu msejjes dan l-aggravju jgħid hekk:

> »**218.** Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, … … …«

10. Tista' ma taqbilx mar-raġunament tal-ewwel qorti, iżda ma jistax jingħad li ma tatx raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. Jekk deċiżjoni hijix motivata jew le ma jiddependix fuq kemm-il paragrafu nkiteb iżda fuq jekk ir-raġunijiet għad-deċiżjoni joħorġux ċari jew le, imqar jekk imfissra fil-qosor. Jidher ċar minn qari tas-sentenza illi r-raġuni li fuqha straħet l-ewwel qorti hi illi l-waqt determinanti biex jitqies jekk għandux jingħata l-*privilegium fori* huwa l-waqt meta nfetħet il-kawża u n-numru ta' konvenuti f'dak il-waqt; il-fatt li waqt is-smigħ tal-kawża jinbidel in-numru ta' konvenuti bis-sejħa ta' oħrajn fil-kawża ma jibdilx is-sitwazzjoni, fil-fehma tal-ewwel qorti, għax inkella "f'kawża li tkun ilha snin pendenti, jekk fil-perkors tagħha jirriżulta li hemm il-ħtieġa ta' kjamata in kawża dan il-fatt waħdu jista' jiżvesti lil dik il-qorti li tkun qed titratta l-kawża mill-kompetenza li tkompli tismagħha".

11. L-aggravju ta' nuqqas ta' motivazzjoni huwa għalhekk miċħud.

12. Fit-tieni aggravju tal-attur igħid illi l-ewwel qorti interpretat ħażin l-art. 768, għax il-liġi ma tiddistingwix konvenut oriġinali minn konvenut li jissejjaħ fil-kawża fi stadju ulterjuri, u din id-distinzjoni ma kienx imissha nħolqot mill-ewwel qorti. Kompla jfisser dan l-aggravju hekk:

> »… … … it-tieni aggravju jitratta appuntu it-tmien paragrafu tal-konsiderazzjonijiet illi minnu jiġu dedotti l-motivazzjonjiet tal-ewwel qorti illi qegħdin hawnhekk jiġu hekk kontestati. Il-ftit motivazzjonijiet mogħtija ma għandhomx mis-sewwa, ma għandhom ebda fondament legali u ġuridiku u jiġi umilment sottomess illi din l-onorabbli Qorti tal-Appell ma għandiex tabbraċċjahom.
>
> »L-ewwel onorabbli qorti wasslet għal konklużjoni illi "dan l-artikolu (art. 768 tal-Kap 12) japplika biss fir-rigward tal-partijiet oriġinali tal-kawża. Dan ma japplikax meta, wara li tkun presentata l-kawża, jirriżulta li jkun hemm il-ħtieġa li jiġu kjamati terzi oħrajn, anke jekk għall-fini tal-liġi l-kjamat in kawża huwa meqjus bħala parti".
>
> »… … … l-ewwel onorabbli qorti skartat għal kollox il-prinċipju *ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus*, u għamlet l-ewwel qorti distinzjoni illi l-liġi, anke jekk testwalment kkwotata mill-ewwel qorti, ma tagħmilx. Ukoll, irid jingħad, l-ewwel qorti, fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tagħha tal-artikolu tal-liġi msemmi, skartat il-prinċipju *ubi lex voluit dixit ubi noluit tacuit* – biex l-ewwel qorti waslet biex qalet dak li l-leġislatur ma qalx fil-liġi miktuba, minkejja illi dak li trid il-liġi, il-liġi qalitu.
>
> »U l-liġi tgħid, fl-artikolu 962 tal-Kap. 12, illi terza persuna msejjħa fil-kawża hija għal finijiet u effetti legali kollha konvenut daqs kull konvenut ieħor. Mkien il-liġi ma tiddistingwi konvenut oriġinali minn konvenut li ġie kjamata fil-kawża – din id-distinzjoni għamlitha biss l-ewwel onorabbli qorti u bid-dovut rispett, kienet żbaljata meta u li għamlitha.
>
> »Di fatti, l-ewwel onorabbli qorti kienet ukoll skorretta tgħid illi ma kienx hemm pronunzjamenti dwar dan mill-Qrati tagħna, almenu mir-riċerka li kkonduċiet hi. Fil-kawża <u>George Mario Attard *v.* l-Avukat Leontine Calleja *et noe et*</u>, (84/2017/AF – deċiża 30.05.2019), il-kawża ttrattat preċiżament sitwazzjoni bħal din odjerna, *ossia*, l-għoti tal-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* da parti ta' terz kjamat in kawża, u ġustament ma għamlet ebda differenzi bejn konvenut oriġinali jew kjamat, ma qalitx affarijiet li l-liġi ma qalitx, applikat il-liġi kif inhi u laqgħet l-eċċezzjoni msemmija.
>
> »Fil-kawża ċitata, l-ewwel onorabbli qorti diversament preseduta korrettement qalet illi minn qari tal-artiklu 962 tal-Kap. 12 "isegwi għal-hekk li bħal kull konvenut ieħor, kellha dritt tissolleva a favur tagħha tali privileġġ dwar il-forum fejn kellha tiġi mħarrka". U jingħad bir-rispett illi din hija l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni korretta tal-liġi, meta l-liġi mkien ma tgħid illi għandha ssir distinzjoni bejn konvenut oriġinali jew konvenut ieħor (termini *in ogni caso* vvintati mill-ewwel qorti fis-sentenza hawnhekk appellata) u meta l-liġi mkien ma teskludi lil xi konvenuti milli jagħtu l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* jekk hekk ikun

leġittimu. Huwa għalhekk illi qed jingħad permezz ta' dan it-tieni aggravju, l-ewwel onorabbli qorti kisret żewġ prinċipji universali fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-liġi, *ossia*, il-prinċipju *ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus* u il-prinċipju *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit*.

»Kienet ħaġa ferm faċli biex il-leġislatur jagħmel din id-distinzjoni bejn konvenut oriġinali u konvenut ieħor jew jeskludi persuna kjamata mid-dritt li jeżerċita dan il-privileġġ – ħaġa li l-leġislatur evidentament ma għamilx, u ma kienx għalhekk mistenni illi tagħmilha l-ewwel onorabbli qorti.

»Fit-tmien paragrafu tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti, fejn wieħed jista' jittenta jsib il-ftit motivazzjonijiet tal-ewwel qorti biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel onorabbli qorti tgħid illi ż-żieda fil-konvenuti permezz tal-kjamat in kawża "ma tiżvestix lil din il-qorti mill-kompetenza *ai termini* tal-artiklu 768 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet". Jingħad bir-rispett illi l-apprezzament żbaljat tal-ewwel qorti jinsab fil-fatt illi huwa minnhu illi ż-żieda tal-konvenuti fiha nniffisha ma tiżvestix lill-qorti mill-kompetenza, imma dak li jiżvesti l-ewwel qorti mill-kompetenza huwa d-dritt illi tali konvenuti miżjuda jista' jkollhom jekk ġustament iressqu l-eċċezzjoni u jeżerċitaw il-privileġġ lilhom mogħti bil-liġi, tal-*privilegium fori*. Hemmhekk, jekk l-eċċezzjoni jkollha mis-sewwa, illi l-qorti tiżvesti ruħha mill-kompetenza u mhux, bir-rispett, biż-żieda tal-konvenuti.

»L-istess, l-ewwel onorabbli qorti donnu qed tgħid illi għaliex l-ewwel onorabbli qorti setgħet anke kienet ħadet xi deċiżjonijiet u ddeterminat kwistjonijiet li setgħu qamu bejn il-partijiet oriġinali – allura qisu bħal dak li qallu illi l-kjamati in kawża, konvenuti ammessi f'dak l-istadju, tilfu d-dritt illi jużufruwixxu ruħhom mill-privileġġ lilhom mogħti bil-liġi. Dan il-liġi ma tgħidux u lanqas ma għandu jew jista' jkollu mis-sewwa.

»L-ewwel qorti messa fehmet – anzi jingħad illi qabel fis-sentenza appellata għamlet aċċenn għaliha imma fil-motivazzjonijiet tagħha skartatha – illi fil-każ odjern l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* ma setgħet qatt tingħata mill-ewwel żewġ konvenuti mħarrka, *ossia*, mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u mis-Segretarju Permanenti mħarrek. Kwindi u *una volta* ma kellhiex eċċezzjonijiet li jimpinġu fuq il-kompetenza tagħha, l-ewwel qorti għamlet sewwa illi ddeċidiet kwalsiasi vertenza oriġinali u preliminari li seta' kellha, mhux lanqas dik dwar il-kjamati in kawża li ntalbu għall-integrità tal-ġudizzju.

»Imma, bir-rispett, ma jreġix l-argument tal-ewwel qorti illi għaliex, kif kien doveruż, iddeċidiet eċċezzjoni preliminari meta u safejn kien għad ma hemmx eċċezzjoni ta' kompetenza, allura l-eċċezzjoni tal-kompetenza ma setgħetx tingħata – mhux mill-partijiet 'oriġinali', imma mill-kjamati illi tawha mal-ewwel opportunità li kellhom. Il-kjamati in kawża ma kienux parti mill-proċeduri meta ġiet determinata l-eċċezzjoni tal-kjamati in kawża; anzi, ġew ammessi proprju riżultat ta' dik id-deċiżjoni, u kwindi kien hemm ċertament l-impossibilità illi jeżerċitaw id-dritt u l-privileġġ tagħhom. U huwa għalhekk li, bir-rispett, ma jreġix dan il-ħsieb tal-ewwel qorti.

»L-ewwel onorabbli qorti, fis-sentenza appellata (ukoll fil-paragrafu 8), donnha tpoġġi bħala it-tielet u l-aħħar motivazzjoni tagħha biex waslet għad-decide tagħha l-argument li jista' jkun hemm xi forma ta' abbuż, u tgħid "jekk fil-perkors tagħha jirriżulta li hemm il-ħtieġa ta' kjamata in

kawża dan il-fatt waħdu jista' jiżvesti lil dik il-qorti li tkun qed tittratta l-kawża mill-kompetenza li tkompli tismagħha".

»Jingħad primarjament illi, fi kliem l-ewwel qorti stess, jekk hemm ħtieġa ta' kjamat in kawża, allura hekk għandu jkun illi jkun kjamat in kawża it-terz, għax hekk hija l-ħtieġa.

»Fit-tieni lok, x'imkien, fil-Kodiċi ta' Proċedura tagħna, hemm xi xkiel lill-kjamat in kawża milli jressaq xi eċċezzjoni kwalsiasi? Allura jekk kjamat in kawża jressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, jew kwalsiasi eċċezzjoni oħra li tkun tista' toqtol l-azzjoni anke jekk kienet ilha pendenti quddiem il-qorti – allura dak abbuż? Allura dak projbit? Allura l-eżami li tagħmel qorti sabiex tiddetermina jekk parti għandiex tiġi kjamat in kawża jew le huwa eżami marbut ma' dan it-tip ta' raġunament? Dan ma għandux ikun u jingħad bir-rispett illi l-ewwel onorabbli qorti kienet erronja u żbaljata u tmur kontra d-dettami tal-ġustizzja meta rraġunat b'dan il-mod.

»Għaliex, anke jekk l-appellant konvint li dak li riedet tgħid l-ewwel onorabbli qorti *in good faith* ifisser illi l-ewwel qorti ma tixtieqx tara xogħol minnha magħmul jinħela u jispiċċa fix-xejn, fil-każ odjern, dan mhux il-każ. Dan qed jingħad peress illi, jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*, il-każ ma jintremiex u jieqaf hawn, imma, bl-applikabilità tal-provvedimenti tal-Kap. 12, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tastjeni milli tkompli bil-kawża fuq nuqqas ta' kompetenza imma l-kawża titkompla quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali) u allura l-partijiet ma jkunu tilfu xejn; anzi, jkunu moħħhom mistrieħ illi l-kawża ser titkompla, titkompla quddiem il-*forum* li trid il-liġi bil-konsegwenza illi, eventwalment, mhux ser ikollhom sentenza monka. Dan huwa ukoll fl-iprem interess tal-attur appellant.

»Huwa fil-kuntest ta' dak kollu hawn fuq elenkat illi l-appellant ftit jifhem kif l-ewwel qorti għaddiet biex tiċħad l-eċċezzjoni tal-kjamati in kawża dwar il-*privilegium fori*. Ir-raġunament, l-argumenti, l-aggravji u s-sottomissjonijiet hawnhekk magħmula għandhom jinduċu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tilqa' l-appell odjern.«

13. Strettament l-attur appellant qiegħed igħid sew illi l-ewwel qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni. L-imsejjaħ fil-kawża huwa konvenut bħal kull konvenut imħarrek fil-bidunett tal-kawża, u għadu l-jedd li jressaq kull eċċezzjoni – fosthom dik tal-*privilegium fori* – li seta' jressaq kull konvenut ieħor, kif igħid l-art. 962 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-argument li b'hekk jiġri li dak kollu li jkun laħaq sar quddiem il-qorti oriġinalment kompetenti jkollu jerġa' jsir mill-ġdid quddiem qorti fil-Gżira l-oħra ma jiswiex: meta jissejjaħ konvenut ġdid fil-kawża, f'kull każ dan ikollu l-jedd li l-

proċeduri jinbdew mill-ġdid, u mhux biss jekk jingħata l-*privilegium fori*; huwa għalhekk illi sejħa fil-kawża ma ssirx quddiem il-Qorti tal-Appell, u, jekk tqum raġuni għas-sejħa fil-kawża waqt li kawża tkun fl-istadju ta' appell, il-kawża jkollha tintbagħat lura quddiem il-qorti tal-ewwel grad sabiex tinstema' mill-ġdid.

14. L-aggravju iżda ma jistax jintlaqa' għal raġuni oħra.

15. Il-*privilegium fori* huwa privileġġ tal-konvenut mhux tal-attur, u ma jistax jinqeda bih l-attur. L-eċċezzjoni fil-fatt ingħatat mill-imsejħa fil-kawża *kontra* l-attur; ma kinitx u ma setgħetx tkun eċċezzjoni tal-attur. Effettivament, għalhekk, id-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet deċiżjoni favur l-attur u kontra l-imsejħa fil-kawża, li raw l-eċċezzjoni tagħhom miċħuda. L-attur ma għandu ebda interess leġittimu li jappella minn deċiżjoni li effettivament ingħatat favur tiegħu, u l-fatt illi l-imsejħa fil-kawża – li kellhom interess li jappellaw minn deċiżjoni li ċaħdet eċċezzjoni tagħhom – ma appellawx, u anzi fit-tweġiba tagħhom igħidu illi "ma baqgħux jinsistu" għall-*privilegium fori*, ifisser illi dawn issa qagħdu għad-deċiżjoni li l-kawża tkompli tinstema' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Ma jistax l-appell jagħmlu għalihom l-attur.

16. Waqt is-smigħ tal-appell l-attur stqarr illi r-raġuni tassew għala għamel dan l-appell ma kinitx tant għax irid li l-kawża tinstema' Għawdex – seta' wara kollox jiftaħ il-kawża mill-bidunett f'Għawdex għax wieħed miż-żewġ konvenuti oriġinali residenti f'Għawdex – iżda għax ma jridx li l-kawża tkompli tinstema' quddiem il-Prim'Awla

kif presjeduta għax waqt is-smigħ quddiem dik il-qorti nqala' episodju li qanqal fih dubju dwar l-imparzjalità tal-qorti.

17. Iżda f'dak il-każ ir-rimedju li kellu jfittex l-attur kellu jkun dak tar-rikuża, u ma kellux jinqeda, minflok, bl-istitut tal-appell imsejjes fuq konsiderazzjonijiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn mar-rimedju li xtaq li jingħata. Dan naturalment qiegħed jingħad bla preġudizzju għal kull kwistjoni jekk hemmx tassew raġunijiet validi ta' rikuża.

18. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell tal-attur u, għalkemm għal raġunijiet għalkollox differenti, tikkonferma s-sentenza tad-9 ta' Jannar 2020.

19. L-ispejjeż tal-appell iħallashom l-attur appellant. Billi wkoll hija tal-fehma illi l-appell sar għal raġunijiet ħżiena, u għalhekk huwa vessatorju, il-qorti wara li rat l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tikkundanna lill-appellant iħallas l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm